# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 656/2007

## ta' l-14 ta' Ġunju 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 586/2001 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika fit-terminu l-qasir rigward id-definizzjoni ta' Raggruppamenti Industrijali Prinċipali (MIGs)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 dwar statistika fit-terminu l-qasir (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Artikolu 17(c) tiegħu,

Billi:

(1) Id-definizzjoni ta' Main Industrial Groupings (MIGS) stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 586/2001 (2) hija msejsa fuq il-klassifika statistikali ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE) (3).

(2) Ġiet introdotta verżjoni ġdida ta' NACE (NACE Rev 2) bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006, li tispeċifika wkoll li l-istatistika fit-terminu l-qasir irregolata bir-Regolament (KE) Nru 1165/98 għandha tiġi prodotta skond l-NACE Rev. 2 mill-1 ta' Jannar 2009 'l quddiem.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 586/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikoli 1 u 2 ir-referenzi kollha lil "NACE Rev. 1" huma ssostitwiti b' "NACE Rev. 2".

(2) Fl-Artikolu 3 il-kliem "mhux aktar tard minn tliet xhur wara li r-Regolament preżenti jidħol fis-seħħ" huma sostitwiti bil-kliem "mill-1 ta' Jannar 2009";

(3) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkun jgħodd mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).
(2) ĠU L 86, 27.3.2001, p. 11.
(3) ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1.

*ANNESS*

*"ANNESS*

**L-ALLOKAZZJONI TA' L-INTESTATURI TA' NACE REV 2 LIL KATEGORIJI TA' KLASSIFIKA AGGREGATA**

| Rev. 2 tan-NACE | deskrizzjoni ta' l-NACE Rev 2 | Klassifika aggregata |
|---|---|---|
| 07 | Qtugħ ta' metall mill-minjieri | Prodotti Intermedji |
| 08 | Minjieri u barrieri oħra | Prodotti Intermedji |
| 09 | Attivitajiet ta' sostenn għall-minjieri | Prodotti Intermedji |
| 10.6 | Manifattura ta' prodotti ta' l-imtieħen tal-qmuħ, lamti u prodotti oħra tal-lamtu | Prodotti Intermedji |
| 10.9 | Manifattura ta' għalf lest għall-annimali | Prodotti Intermedji |
| 13.1 | Thejjija u għażil ta' fibri tat-tessuti | Prodotti Intermedji |
| 13.2 | L-insiġ tat-tessuti | Prodotti Intermedji |
| 13.3 | Irfinar ta' tessuti | Prodotti Intermedji |
| 16 | Manifattura ta' injam u ta' prodotti ta' l-injam u tas-sufra, għajr għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u materjali għall-immaljar | Prodotti Intermedji |
| 17 | Manifattura ta' karta u ta' prodotti tal-karta | Prodotti Intermedji |
| 20.1 | Manifattura ta' kimiċi bażiċi, fertilizzanti u komposti tan-nitroġenu, plastik u lasktu sintetiku f'għamliet primarji | Prodotti Intermedji |
| 20.2 | Manifattura ta' pestiċidi u prodotti oħra agrokimiċi | Prodotti Intermedji |
| 20.3 | Manifattura ta' żebgħa, verniċ u kisi simili, inka ta' l-istampar u mastiċi | Prodotti Intermedji |
| 20.5 | Manifattura ta' prodotti kimiċi oħra | Prodotti Intermedji |
| 20.6 | Manifattura ta' fibri magħmula mill-bniedem | Prodotti Intermedji |
| 22 | Manifattura ta' prodotti tal-lasktu u tal-plastik | Prodotti Intermedji |
| 23 | Fabbrikazzjoni ta' prodotti minerali oħra mhux metalliċi | Prodotti Intermedji |
| 24 | Manifattura ta' metalli bażiċi | Prodotti Intermedji |
| 25.5 | Funderija, pressa, ttimbrar u rrumblar ta' metall; metallurġija tat-trab | Prodotti Intermedji |
| 25.6 | Trattament u kisi ta' metalli; ħidma bil-magni | Prodotti Intermedji |
| 25.7 | Manifattura ta' pożati, għodod u oġġetti ta' ferramenta | Prodotti Intermedji |
| 25.9 | Manifattura ta' prodotti oħra tal-metall iffabrikat | Prodotti Intermedji |
| 26.1 | Manifattura ta' komponenti elettroniċi u bordijiet | Prodotti Intermedji |
| 26.8 | Manifattura ta' mezzi manjetiċi u ottiċi | Prodotti Intermedji |
| 27.1 | Manifattura ta' muturi ta' l-elettriku, ġeneraturi, trasformaturi u apparat għat-tqassim u l-kontroll ta' l-elettriku | Prodotti Intermedji |

| Rev. 2 tan-NACE | deskrizzjoni ta' l-NACE Rev 2 | Klassifika aggregata |
|---|---|---|
| 27.2 | Manifattura ta' batteriji u kumulaturi | Prodotti Intermedji |
| 27.3 | Manifattura ta' wajers u għodod għall-wajers | Prodotti Intermedji |
| 27.4 | Manifattura ta' tagħmir tad-dawl elettriku | Prodotti Intermedji |
| 27.9 | Manifattura ta' tagħmir elettriku ieħor | Prodotti Intermedji |
| 05 | Tħaffir għall-faħam u l-lignite | Enerġija |
| 06 | Estrazzjoni ta' żejt mhux irraffinat u gass naturali | Enerġija |
| 19 | Manifattura ta' kokk u prodotti taż-żejt irraffinat | Enerġija |
| 35 | Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kkondizzjonata | Enerġija |
| 36 | Ġbir, trattament u provvista ta' l-ilma | Enerġija |
| 25.1 | Manifattura ta' prodotti strutturali tal-metall | Oġġetti kapitali |
| 25.2 | Manifattura ta' tankijiet, ġwiebi u kontenituri tal-metal | Oġġetti kapitali |
| 25.3 | Manifattura ta' ġeneraturi tal-fwar, għajr bojlers tal-misħun tat-tisħin ċentrali | Oġġetti kapitali |
| 25.4 | Manifattura ta' armi u munizzjon | Oġġetti kapitali |
| 26.2 | Manifattura ta' kompjuters u tagħmir periferali | Oġġetti kapitali |
| 26.3 | Manifattura ta' tagħmir għall-komunikazzjoni | Oġġetti kapitali |
| 26.5 | Manifattura ta' strumenti u għodod għall-kejl, ittestjar u navigazzjoni; arloġġi ta' l-idejn u arloġġi oħra | Oġġetti kapitali |
| 26.6 | Manifattura ta' tagħmir ta' irradjazzjoni, elettromediku u elettroterapewtiku | Oġġetti kapitali |
| 28 | Manifattura ta' magni u tagħmir n.e.c. | Oġġetti kapitali |
| 29 | Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers | Oġġetti kapitali |
| 30.1 | Bini ta' vapuri u dgħajjes | Oġġetti kapitali |
| 30.2 | Manifattura ta' lokomottivi tal-ferrovija u materjal ċirkulanti | Oġġetti kapitali |
| 30.3 | Manifattura ta' inġenji ta' l-ajru u ta' l-ispazju u makkinarju relatat | Oġġetti kapitali |
| 30.4 | Manifattura ta' vetturi tal-ġlied militari | Oġġetti kapitali |
| 32.5 | Manifattura ta' strumenti u provvisti mediċi u tad-dentistrija | Oġġetti kapitali |
| 33 | Tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir | Oġġetti kapitali |
| 26.4 | Manifattura ta' elettronika ta' konsum | Prodotti Dewwiema |
| 26.7 | Manifattura ta' strumenti ottiċi u tagħmir fotografiku | Prodotti Dewwiema |
| 27.5 | Manifattura ta' apparat domestiku | Prodotti Dewwiema |

| Rev. 2 tan-NACE | deskrizzjoni ta’ l-NACE Rev 2 | Klassifika aggregata |
|---|---|---|
| 30.9 | Manifattura ta’ tagħmir għat-trasport n.e.c. | Prodotti Dewwiema |
| 31 | Manifattura ta’ mobbli | Prodotti Dewwiema |
| 32.1 | Manifattura ta’ ġojjellerija, biġotterija u oġġetti relatati | Prodotti Dewwiema |
| 32.2 | Manifattura ta’ strumenti mużikali | Prodotti Dewwiema |
| 10.1 | Ipproċessar u ppreservar ta’ laħam u ta’ prodotti tal-laħam | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 10.2 | Ipproċessar u ppreservar ta’ ħut, krustaċji u molluski | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 10.3 | Ipproċessar u ppreservar ta’ frott u ħxejjex | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 10.4 | Manifattura ta’ żjut u xaħmijiet veġetali u mill-annimali | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 10.5 | Manifattura ta’ prodotti tal-ħalib | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 10.7 | Manifattura ta’ prodotti tal-furnara u magħmula bid-dqiq | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 10.8 | Manifattura ta’ prodotti oħra ta’ l-ikel | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 11 | Manifattura ta’ xarbiet | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 12 | Manifattura ta’ prodotti tat-tabakk | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 13.9 | Manifattura ta’ tessuti oħra | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 14 | Manifattura ta’ ħwejjeġ li jintlibsu | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 15 | Manifattura ta’ prodotti tal-ġilda u prodotti relatati | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 18 | Stampar u riproduzzjoni ta’ midja rreġistrata | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 20.4 | Manifattura ta’ sapun u deterġenti, sustanzi għat-tindif u l-illustrar, fwejjaħ u preparazzjonijiet tat-twaletta | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 21 | Manifattura ta’ prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 32.3 | Manifattura ta’ oġġetti ta’ l-isport | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 32.4 | Manifattura ta’ logħob u ġugarelli | Prodotti Mhux Dewwiema |
| 32.9 | Industriji oħra ta’ manifattura mhux klassifikati band’ oħra | Prodotti Mhux Dewwiema” |